MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2202/2004

**Veronica Zammit**

**vs**

**Daniel Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u seba' liri Maltin (Lm307.00) jew somma verjuri stabbilita, rapprezentanti danni sofferti mill-attrici fl-incident stradali li sehh fit-2 ta' Lulju, 2003 gewwa Valley Road, Birkirkara, fejn il-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura HAK-175 b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel fil-vettura misjuqa mill-attrici.**
**Bl-ispejjez, bl-imghax u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-21 ta' Dicembru, 2004 fejn intqal:**
**i. illi preliminarjament l-attrici trid tindika liema vettura proprjeta` taghha allegatament kienet involuta f'incident tat-traffiku mal-konvenut;**
**ii. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident liema incident sehh unikament tort tal-attrici;**
**iii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost d-danni pretizi jridu jigu pruvati.**
**iv. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Veronica Zammit u Daniel Galea.**
**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attrici qed tfittex ghad-danni dwar incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Lulju, 2003 gewwa Valley Road, Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Kullegg.**
**2. L-attrici kienet qed issuq il-vettura HFC-888 filwaqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura HAK-175.**
**3. L-attrici kienet gejja mid-direzzjoni ta' San Anton sejra fid-direzzjoni ta' Birkirkara ghaddejja f'Valley Road u xeghelet l-indicator biex tikser ghal go Triq il-Kullegg. Qabel ma bdiet iddur harset fil-mera, u kien hemm il-vettura tal-konvenut. L-attrici tghid li meta sehh l-incident hi gja kienet qed thares lejn it-triq li riedet tidhol fiha.**
**4. Il-konvenut kien miexi fl-istess direzzjoni tal-attrici, meta jghid li l-vettura tal-attrici qasmet il-karreggata tieghu hu rah ipparkjat l-ewwel darba, u wara din harget ghan-nofs. Il-konvenut ghalhekk gibed il-barra biex jipprova jevita l-kollizzjoni. Skond il-konvenut meta ra l-ewwel darba kienet xi distanza il-boghod mill-kantuniera. Il-konvenut jghid li ma ghamlet ebda sinjal.**
**5. Jirrizulta li l-hsara fil-vettura tal-attrici kienet fuq il-gemb ta' wara in-naha tax-xellug, filwaqt li l-**

**konvenut kellu hsara fuq il-ponta tal-lemin ta' quddiem.**

**6. Ma hemmx dubbju li l-attrici kellha mhux biss taghmel sinjal li riedet iddur, izda kellha tara li setghet taghmel tali manuvra minghajr hsara ghat-traffiku li jkun ghaddej fil-karregata l-ohra. Il-fatt ta' kif spiccaw il-vetturi u fejn gew riportati d-danni huma indikattivi li fil-fatt l-attrici kisret filwaqt li kien gej il-konvenut. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ma ghandux jigi ritenut responsabbli l-konvenut peress li ma giet pruvata ebda negligenza da parti tieghu.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------